

Brussell, 13 ta' April 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0115(COD)

8205/22
ADD 4

PI 40
COMPET 243
MI 289
IND 122
IA 44
CODEC 499

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 13 ta' April 2022

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: SWD(2022) 116 final

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT dwar il-protezzjoni b'indikazzjoni ġeografika għall-prodotti artiġjanali u industrijali Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1001 u (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2022) 116 final.

Mehmuż: SWD(2022) 116 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.4.2022
SWD(2022) 116 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

dwar il-protezzjoni b'indikazzjoni ġeografika għall-prodotti artiġjanali u industrijali

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u
industrijali u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2017/1001 u (UE) 2019/1753 tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754**

{COM(2022) 174 final} - {SEC(2022) 193 final} - {SWD(2022) 114 final} -
{SWD(2022) 115 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt dwar Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-indikazzjoni ġeografika għall-prodotti artiġjanali u industrijali

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

Għaliex? X'inhil-problema li qiegħda tiġi indirizzata?

Fil-livell tal-UE, ġiet stabbilita protezzjoni speċjali jew *sui generis* tal-indikazzjoni ġeografika (IG) għall-inbejjed, għax-xorb spirituż, għall-inbejjed aromatizzati, kif ukoll għall-prodotti agrikoli u għall-oġġetti tal-ikel. Madankollu, bħalissa ma hemm l-ebda protezzjoni armonizzata jew unitarja tal-IG għall-prodotti artiġjanali u industrijali (CI) fil-livell tal-UE. Sittax-il Stat Membru tal-UE għandhom skemi nazzjonali ta' IG *sui generis* fis-seħħ biex ikopru l-prodotti CI. Dawn ir-reġimi jvarjaw f'termini ta' protezzjoni, amministrazzjoni, tariffi, u ma joffru protezzjoni lill-produtturi lil hinn mit-territorju nazzjonali. Stati Membri oħra ma għandhom l-ebda skema ta' protezzjoni tal-IG fis-seħħ fil-livell nazzjonali għall-prodotti CI u jipprevedu l-użu ta' liġijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumatur jew marki kummerċjali. Meta l-produtturi tal-prodotti CI jfittxu protezzjoni madwar l-UE, jistgħu jagħmlu dan biss separatament f'kull Stat Membru kif disponibbli fil-livell nazzjonali. Din is-sitwazzjoni tista' tkun ta' diżinċentiv għall-investiment fl-artiġjanat tradizzjonali fil-UE, għaliex tkompli żżid l-ispejjeż u l-inċertezza legali għall-produtturi.

Madankollu, in-nuqqas ta' protezzjoni fil-livell tal-UE għall-prodotti CI mhuwiex biss kwistjoni interna. F'Novembru 2019, l-UE ssieħbet fl-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi, trattat amministrat mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali. L-Att ta' Ġinevra joffri rotta biex tinkiseb il-protezzjoni tal-IG irrispettivament min-natura tal-oġġetti li l-IG jkunu japplikaw għalihom, inkluż il-prodotti artiġjanali u industrijali. Filwaqt li l-UE għandha tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha skont l-Att ta' Ġinevra u tistabbilixxi skema ta' protezzjoni għall-prodotti CI fil-livell tal-UE, għad hemm lok għal manuvra dwar kif dan għandu jsir bl-aktar mod kosteffettiv.

Il-Kummissjoni ħabbret fil-komunikazzjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 2020 intitolata "Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE - Pjan ta' azzjoni għall-proprietà intellettwali b'appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE" (COM(2020) 760 final) li se tikkunsidra l-fattibbiltà ta' sistema ta' protezzjoni tal-IG għal prodotti mhux agrikoli fil-livell tal-UE.

L-inizjattiva għandha l-għan li tindirizza b'mod partikolari żewġ problemi ewlenin. L-ewwel problema hija relatata mal-limiti tal-protezzjoni internazzjonali għall-prodotti tal-IG tas-CI. Fin-nuqqas ta' protezzjoni fil-livell tal-UE fis-seħħ, l-UE ma tistax tiżgura protezzjoni f'pajjiżi terzi għall-IG għall-prodotti CI li joriġinaw mill-UE billi tuża r-rotta ta' Liżbona/Ġinevra, peress li qabelxejn, ma jista' jkun hemm l-ebda reġistrazzjoni tal-UE. L-UE trid tirrifjuta wkoll il-protezzjoni tal-IG għall-prodotti CI li joriġinaw f'pajjiżi terzi, peress li tali protezzjoni mhijiex disponibbli fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, l-UE ma tistax tagħti protezzjoni lill-IG għall-prodotti CI permezz ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali billi tinkludi l-IG għall-prodotti CI fil-lista tal-IG li għandhom jiġu protetti minn tali ftehimiet. It-tieni problema hija relatata ma' opportunitajiet mitlufa għall-produtturi tal-prodotti CI Ewropej. Minħabba pajsaġġ kumpless ta' rotot ta' protezzjoni disponibbli fl-UE (trademark tal-UE, marka kollettiva tal-UE, dritt nazzjonali tal-IG fejn disponibbli, marka kollettiva nazzjonali, marka ta' ċertifikazzjoni nazzjonali fejn disponibbli), huwa diffiċli għall-produtturi li jinnavigaw lejn il-kisba u l-infurzar tal-protezzjoni. Id-diskrepanzi fost rotot ta' protezzjoni varji jirriżultaw f'modi kkumplikati u għaljin biex tiġi żgurata l-protezzjoni, li mhumiex fattibbli għal raggruppament tipiku ta' ditti żgħar li jipproduċu prodotti CI. Barra minn hekk, il-varjetà u d-diverġenza tal-inizjattivi nazzjonali jirriżultaw f'inċertezza legali għall-produtturi, jistgħu jqarrqu bil-konsumaturi, idgħajfu l-kummerċ intra-Unjoni, u jifflu l-bieb għal abbużi tal-ksur tal-IG kemm offline kif ukoll online.

X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

L-għan ġenerali tal-inizjattiva huwa li tippermetti t-twertiq effettiv tal-obbligi tal-UE skont l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona, u li timmassimizza l-profitti mill-adezzjoni tal-UE mas-sistema ta' Liżbona għall-produtturi fl-UE u minn ftehimiet kummerċjali bilaterali. Barra minn hekk, għandha l-għan li toħloq suq intern li jiffunzjona għall-prodotti CI marbuta ġeografikament billi tistabbilixxi qafas regolatorju effiċjenti u armonizzat għall-protezzjoni tagħhom.

L-obiettivi speċifiċi huma stabbiliti biex jiġi evalwat kif tista' tinkiseb konformità mal-obbligi tal-Att ta' Ġinevra bl-aktar mod effiċjenti u effettiv. B'mod partikolari, is-sistema l-ġdida għandha tikseb: (i) Sistema ta' reġistrazzjoni faċli u affordabbli għall-applikant; (ii) Sistema effettiva u affordabbli ta' kontroll u infurzar; u (iii) Kost baxx għall-awtoritajiet pubbliċi.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Il-problema tal-frammentazzjoni regolatorja tiġi solvuta b'mod effettiv fil-livell tal-UE. Inizjattiva tal-UE tista' tippredvi kundizzjonijiet ta' protezzjoni ugwali fl-Istati Membri kollha, u b'hekk toħloq ċertezza legali u inċentivi għall-investment fi prodotti CI b'għeruw ġeografiċi. B'paragun ma' dan, il-varjetà u d-diverġenza tal-inizjattivi nazzjonali jirriżultaw f'inċertezza legali għall-produtturi li jkunu qed ifittxu protezzjoni, iqarrqu bil-konsumaturi, jimpedixxu l-kummerċ intra-Unjoni, u jiftħu l-bieb għal kompetizzjoni mhux ugwali fil-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ta' kwalità speċjali u b'għeruw ġeografiċi.

Approċċ mifrux mal-UE kollha jippermetti wkoll lill-UE tibbenefika bis-sħiħ mill-opportunitajiet offruti mis-sistema internazzjonali tal-ismijiet tal-oriġini u tal-IĠ (is-sistema ta' Liżbona). Is-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni waħedhom ma jistgħux jilħqu dan l-objettiv, peress li huma biss daww il-Istati Membri li huma partijiet għall-Ftehim ta' Liżbona li jistgħu jżommu reġistrazzjonijiet u jissottomettu applikazzjonijiet ġodda f'dan il-qafas limitat.

B. Soluzzjonijiet

X'għażliet ta' politika leġislattivi u mhux leġislattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?

- **Linja bażi – L-ebda bidla:** Il-qafas regolatorju frammentat attwali fl-UE u n-nuqqas ta' protezzjoni rikonoxxuta fil-livell internazzjonali.
- **Għażla ta' politika 1 – Estensjoni tas-sistema ta' protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti agrikoli għall-IĠ għall-prodotti CI:** Skont din l-għażla, sistema ta' protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti CI tiġi integrata fl-iskemi eżistenti ta' protezzjoni tal-IĠ li jkopru l-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel. Skont ir-reviżjoni proposta tal-iskemi tal-IĠ agrikoli, l-Istati Membri jkomplu bi proċedura ta' skrutinju preliminari fil-livell nazzjonali. Fil-livell tal-UE, ir-reviżjoni tas-sistema tal-IĠ tagħti setgħat lill-Kummissjoni biex testernalizza l-iskrutinju tal-applikazzjonijiet u l-oppożizzjonijiet lil aġenzija (wisq probabbli l-EUIPO). Skont din l-għażla, ir-reviżjoni li għaddejjja fis-settur agroalimentari tarmonizza s-sistema attwali ta' monitoraġġ u ta' infurzar u testendiha biex tkopri wkoll l-IĠ tal-prodotti CI.
- **Għażla ta' politika 2 – Regolament awtonomu tal-UE li joħloq protezzjoni *sui generis* tal-IĠ:** Din l-għażla tkun tikkonsisti fl-adozzjoni ta' regolament tal-UE biex tiġi stabbilita skema ta' protezzjoni *sui generis* tal-IĠ għall-prodotti CI. Din tibni fuq ir-reġim eżistenti tal-IĠ għall-prodotti agrikoli iżda tadattah aktar minn PO1 għall-prodotti artiġjanali u industrijali. L-IĠ tal-prodotti CI jkunu protetti minn titolu tal-UE fl-Istati Membri kollha tal-UE. Taħt din l-għażla, ikunu possibbli s-subgħażliet li ġejjin:
 - **2.1. Rabta territorjali: 2.1.A. DOP:** Taħt il-protezzjoni tad-DOP, il-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott huma essenzjalment jew esklussivament marbuta mal-ambjent ġeografiku partikolari tal-post tal-oriġini; u l-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar jew tal-preparazzjoni jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita.
 - **2.1.B. IĠP:** Taħt il-protezzjoni tal-IĠP, kwalità, reputazzjoni jew karatteristika oħra partikolari tal-prodott CI huma essenzjalment attribwibbli għall-oriġini ġeografika

tiegħu; għallinqas waħda mill-fażijiet tal-produzzjoni, tal-ipproċessar jew tal-preparazzjoni sseħħ fiż-żona ġeografika ddefinita.

- **2.2. L-involvement tal-awtoritajiet nazzjonali fil-proċedura ta' reġistrazzjoni:**
2.2.A. Sistema f'żewġ stadji: L-ewwel stadju jkun fil-livell tal-Istati Membri, fejn l-awtoritajiet nazzjonali jew lokali jkollhom l-ewwel rwol ta' eżami fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott u l-applikazzjonijiet tal-IĠ miftiehma mill-produtturi lokali. It-tieni stadju jkun fil-livell tal-UE, b'entità tal-UE li tiegħu deċiżjoni fuq ir-reġistrazzjoni, fejn ma tintalab l-ebda tariffa. **2.2.B. Sistema fi stadju wieħed:** L-awtoritajiet nazzjonali ma jiddux sehem fl-eżami u fir-reġistrazzjoni, u l-produtturi lokali jmorru direttament fil-livell tal-UE biex jirreġistraw l-IĠ tagħhom.
- **2.3. Entità tal-UE inkarigata mir-reġistrazzjoni fil-livell tal-UE u fil-livell internazzjonali:**
2.3.A. Il-Kummissjoni Ewropea tkun responsabbli għall-istadju ta' reġistrazzjoni fil-livell tal-UE u taġixxi wkoll bħala l-Awtorità Kompetenti skont l-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona tal-WIPO. **2.3.B. L-Aġenzija tal-Proprietà Intellettwali speċjalizzata, EUIPO**, tkun responsabbli għar-reġistrazzjoni fl-istadju fil-livell tal-UE u taġixxi wkoll bħala Awtorità Kompetenti skont l-Att ta' Ġinevra.
- **2.4. Kontroll u infurzar:**
2.4.A. Ir-replikazzjoni tal-mudell ta' kontroll u infurzar tal-iskemi agrikoli tal-IĠ (ara PO1). **2.4.B. Kontroll issimplifikat b'mudell ta' infurzar b'saħħtu:** din is-subgħażla tipprevedi l-possibbiltà li tiġi introdotta l-awtoċertifikazzjoni; spezzjonijiet aleatorji mill-awtoritajiet nazzjonali (jew mill-korpi ta' ċertifikazzjoni delegati), flimkien ma' sistema dissważiva ta' multi; obbligi ta' rapportar simplifikati mill-awtoritajiet nazzjonali; u l-iskema ta' infurzar taħt is-sistema attwali tal-IĠ agrikola riveduta, b'sistema ta' twissija tal-ismijiet tad-dominju biex jiġu miġġielda l-abbużi tal-IĠ online.
- **2.5 Il-koeżistenza ta' titoli u reġimi nazzjonali u tal-UE:**
2.5.A. L-IĠ tal-prodotti CI jkunu protetti minn *titolu tal-UE li jissostitwixxi r-reġimi nazzjonali eżistenti tal-IĠ* u jassorbi t-titoli nazzjonali tal-IĠ. **2.5.B. L-introduzzjoni ta' titolu tal-IĠ tal-UE għall-prodotti tas-CI, filwaqt li tinżamm sistema parallela għall-applikazzjonijiet nazzjonali tal-IĠ.**
- **Għażla ta' politika 3 – Riforma tat-trademarks:** Din l-għażla tkun tikkonsisti fir-riforma tas-sistema tat-trademark tal-UE, b'mod partikolari r-regolament dwar it-trademark tal-UE (EUTMR), sabiex il-produtturi tal-prodotti CI jkollhom il-possibbiltà li japplikaw għar-reġistrazzjoni fil-livell tal-UE ta' isem li jggarantixxi kwalità speċifika tal-prodott marbuta ma' reġjun ġeografiku. Din l-għażla tista' tkun ibbażata fuq ir-riforma tal-marka kollettiva tal-UE jew tal-marka ta' ċertifikazzjoni tal-UE. Fir-rigward ta' ċertifikazzjoni tal-UE, l-Għażla 3 tkun teħtieġ it-tneħħija tal-projbizzjoni attwali ta' ċertifikazzjoni tal-orijini ġeografika. Fir-rigward tal-marka kollettiva tal-UE, l-Għażla 3 tkun teħtieġ l-introduzzjoni tal-funzjoni ta' ċertifikazzjoni tar-rabta tal-“orijini ġeografika tal-kwalità” mal-marka kollettiva. Barra minn hekk, kemm il-marka kollettiva tal-UE kif ukoll il-marka ta' ċertifikazzjoni tal-UE jkollhom jiġu adattati sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti fid-dispożizzjonijiet tal-Att ta' Ġinevra dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni.

Għażliet imħassra sa minn stadji bikrin:

- **Rakkomandazzjoni:** Din l-għażla tkun tikkonsisti fl-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni fil-livell tal-UE, li tteġġeg lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi nazzjonali ta' protezzjoni sabiex jiċċertifikaw ir-rabta bejn il-kwalitajiet speċifiċi tal-prodott u l-orijini tal-prodotti CI.
- **Approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali:** Din l-għażla tkun tikkonsisti fl-adozzjoni ta' Direttiva tal-UE sabiex jiġu approssimati l-liġijiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti CI. Permezz ta' direttiva, l-UE toħloq obbligi biex jintlaħqu objettivi speċifiċi għall-protezzjoni tal-IĠ, pereżempju fir-rigward tat-terminu u l-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni, tar-rabta territorjali, u tal-aspetti proċedurali. Il-produtturi

jistgħu jiksbu titoli nazzjonali tal-IĠ reġistrati fil-livell nazzjonali. Ma jinħoloq l-ebda titolu tal-IĠ tal-UE.

L-għażla ta' politika ppreferuta hija **PO2: Regolament awtonomu tal-UE**. Il-pakkett ġenerali tal-għażliet preferuti huwa kombinazzjoni ta' subgħażliet 2.1.B, 2.2.A, 2.3.B, 2.4.B u 2.5.A.

2.1.B minħabba li fil-każ ta' prodotti CI, ir-rabta ma' żona ġeografika speċifika hija bbażata b' mod predominanti fuq l-istorja tal-prodott u fuq għarfien u metodi tradizzjonali distintivi tal-produtturi, u mhux daqstant fuq ir-rabta ma' elementi tal-ambjent ġeografiku bħall-kundizzjonijiet tal-ħamrija jew tat-temp. Għalhekk, il-biċċa l-kbira tal-prodotti CI ma jikkwalifikawx għall-protezzjoni abbażi tal-aħħar rabta permezz ta' DOP. Għalhekk, skema tal-IĠP hija adatta aktar għall-karatteristiċi tal-prodotti tal-IĠ tas-CI.

2.2.A minħabba li l-involvement tal-awtoritajiet nazzjonali fl-ewwel stadju jippermetti li wieħed jibbaża fuq l-għarfien espert lokali u reġjonali meħtieġ biex jiġu vvalutati l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott. Ikun ukoll aktar faċli għall-produtturi mikro/artiġjanali lokali li jikkomunikaw bil-lingwa tagħhom stess, jinteraġixxu ma' amministrazzjoni li huma familjari magħha, u jirċievu kwalunkwe gwida u appoġġ meħtieġ ieħor.

2.3.B minħabba li l-EUIPO hija l-aġenzija tal-UE speċjalizzata fil-PI b'esperjenza mixhuda bi prova fit-trattament tar-reġistrazzjoni ta' drittijiet oħra tal-PI fil-livell tal-UE. L-EUIPO żviluppat għodod tal-IT li jistgħu jiġu estiżi biex jappoġġaw id-dritt tal-IĠ tas-CI ġdid. L-EUIPO tista' tibbaża wkoll fuq l-għarfien espert u n-network stabbiliti tagħha f'kooperazzjoni mal-uffiċċji tal-PI tal-Istati Membri. Jinkisbu gwadanni fl-effiċjenza bl-użu tal-korp ta' appell tal-EUIPO (il-Bord tal-Appell). Fl-aħħar nett, fir-rigward tar-rwol tal-Awtorità Kompetenti fis-sistema ta' Liżbona, l-EUIPO bħalissa għandha l-istess kapaċità fir-rigward ta' żewġ sistemi ta' reġistrazzjoni internazzjonali oħra amministrati mill-WIPO u tista' tibbaża wkoll fuq tali għarfien istituzzjonali.

2.4.B minħabba li tistabbilixxi sistema ta' kontroll li tkun adatta għas-suq tal-IĠ tal-prodotti CI li huwa varjat u żgħir ħafna. L-awtodikjarazzjoni tista' titqies bħala għażla affordabbli għall-mikrokumpaniji u għall-artiġjani li jaħdmu għal rashom. Din tkun akkumpanjata minn sistema ta' kontrolli *ex-officio* aleatorji mill-awtoritajiet pubbliċi u multi għoljin għan-nuqqas ta' konformità li għandhom l-għan li jiskoraġġixxu mgħiba possibbli ta' frodi mill-produtturi. L-infurzar jissaħħa, l-ewwel nett, billi jiġu estiżi l-kontrolli fuq il-prodotti CI b'IĠ "fi tranżitu", u, it-tieni, billi tiġi introdotta sistema ta' twissija biex jiġu indirizzati r-reġistrazzjonijiet abbużivi tal-ismijiet tad-dominju tal-IĠ tal-prodotti CI. L-obbligi ta' rapportar fuq l-awtoritajiet nazzjonali lill-Kummissjoni jkunu proporzjonati.

2.5.A peress li minħabba l-approċċ regolatorju eteroġenu attwali għall-protezzjoni ta' prodotti artiġjanali u industrijali b'għeruw ġeografiċi, il-koeżistenza timplika l-armonizzazzjoni ta' liġijiet nazzjonali diverġenti ħafna fl-Istati Membri. L-armonizzazzjoni tista' toħloq ammont sproportjonat ta' piż regolatorju u amministrattiv u teħtieġ investment kontinwu biex tinżamm il-konverġenza bejn is-sistemi ta' protezzjoni nazzjonali. Is-sostituzzjoni tal-IĠ nazzjonali b'qafas tal-UE għandha l-vantaġġi li tistabbilixxi qafas regolatorju uniku fis-Suq Intern kollu, u b'hekk toħloq ċertezza legali kif ukoll spejjeż prevedibbli u relattivament baxxi għall-produtturi. Barra minn hekk, qafas tal-UE se jippermetti l-iżvilupp ta' indikazzjonijiet ġeografiċi billi jipprovdi approċċ aktar uniformi.

Liema għażla u min jappoġġaha?

Il-produtturi tal-IĠ tal-prodotti CI, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, disa' Stati Membri (maġġoranza kwalifikata) u l-akkademja jappoġġaw bis-sħiħ l-istabbiliment ta' skema *sui generis* tal-IĠ skont l-Għażla 2, inkluż l-appoġġ għall-kombinazzjoni ppreferuta ta' subgħażliet.

Erba' Stati Membri jappoġġaw l-għażla bażi taż-żamma tal-*istatus quo* u huma tal-fehma li l-protezzjoni tat-trademark tipprovdi mezzi adegwati biex wieħed jiddependi fuqhom.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Għall-produtturi: Il-produtturi kollha tal-UE jistgħu jiksbu protezzjoni tal-IĠ fl-UE kollha għall-prodotti CI. Protezzjoni bħal din tħeġġeġ il-kooperazzjoni tal-produtturi, issaħħaħ il-provvista lokali, toħloq swieq niċċa, u tħeġġeġ il-kooperazzjoni tal-produtturi mal-awtoritajiet lokali. Bħal fi ħdan is-sistema tal-IĠ għall-prodotti agrikoli, il-produtturi jistgħu jirreklamaw l-IĠ protetta b'logo fuq it-tikkettar tal-prodott. Fil-livell internazzjonali, l-għażla ppreferuta tippermetti lill-produtturi tal-UE jfittxu protezzjoni internazzjonali għall-prodotti CI tagħhom disponibbli f'partijiet oħra għall-Att ta' Ġinevra, u tippermetti lil pajjiżi terzi jew lil organizzazzjonijiet li huma partijiet għall-Att ta' Ġinevra jiksbu protezzjoni tal-IĠ għall-prodotti CI tagħhom fit-territorju kollu tal-UE. Dan jippermetti wkoll protezzjoni akbar għall-produtturi tal-prodotti CI tal-UE fi swieq terzi bħaċ-Ċina, ir-Russja jew l-Indja permezz ta' dispożizzjonijiet robusti tal-IĠ fi ftehimiet kummerċjali bilaterali konklużi mill-UE.

Għall-konsumaturi: Il-konsumaturi, li ta' spiss ikunu lesti li jħallsu aktar għall-prodotti tal-IĠ protetti, huma infurmati aħjar.

Għall-pubbliku: L-għażla politika ppreferuta tipproteġi prodotti b'għeruw ġeografiċi fl-interess tal-pubbliku ġenerali, billi tagħmel l-aħjar użu mill-għarfien espert u mill-wirt lokali, u tistimula attivitajiet bħat-turiżmu, b'mod partikolari f'regġuni rurali jew inqas żviluppatti (rilevanti ħafna b'mod partikolari wara l-COVID-19).

Għall-UE bħala attur politiku globali: L-għażla ppreferuta tkompli tikkontribwixxi għad-difiża tar-rwol ewlieni tal-UE fix-xena internazzjonali fil-promozzjoni tas-sistema *sui generis* tal-IĠ u l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni għall-prodotti kollha tal-IĠ.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Korp tal-UE se jkollu jimmaniġġa l-attività ewlenija tas-sistema ta' reġistrazzjoni tal-IĠ għall-prodotti CI u jikseb l-esperjenza operazzjonali u l-ħiliet speċjalizzati li bħalissa huma neqsin f'dan il-qasam.

L-Istati Membri se jkollhom joħolqu qafas ukoll. Anke jekk l-esperjenza turi li fil-qasam agrikolu dan il-piż jista' jkun ħafif, sistema kompletament privata-pubblika ta' kontroll u infurzar hija, skont id-definizzjoni, inqas għalja għall-awtoritajiet pubbliċi. Fl-aħħar nett, il-possibbiltà għall-produtturi li jiddikjaraw huma stess il-konformità maż-żmien, pereżempju, ladarba jingħata t-titolu tal-IĠ tista' wkoll tnaqqas l-ispejjeż.

Stima tal-kostijiet annwali f'euro għal IĠ waħda hija ppreżentata hawn taħt:

Azzjoni	Grupp tal-produtturi	Awtoritajiet		Total
		Nazzjonali	UE	
Reġistrazzjoni*	15 000	7 500	17 000	39 500
Verifika/Kontroll*	5 700	100	0	5 800
Infurzar u ġestjoni**	3 000	3 900	0	6 900
Total	23 700	11 500	17 000	52 200

*kost ta' darba; **kost rikorrenti

Sors: Kalkoli proprji bbażati fuq VVA & AND Internazzjonali (2021)

Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?

Ara l-benefiċċji għall-produtturi hawn fuq.

Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

L-awtoritajiet tal-Istati Membri (Uffiċċji nazzjonali tal-PI jew dipartimenti oħra) se jiffaċċjaw spejjeż ta' implimentazzjoni proporzjonali bħala konsegwenza tal-istabbiliment ta' infrastruttura amministrattiva biex jieħdu r-responsabbiltà tal-istadju nazzjonali tal-proċedura ta' reġistrazzjoni. Bħalissa, dan huwa stmat għal ħaddiem wieħed FTE jew involviment part-time ta' żewġ eżaminaturi.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

Ma huwa mistenni l-ebda impatt ieħor sinifikanti.

D. Segwitu**Meta se tiġi rieżaminata l-politika?**

Wara d-dħul fis-seħħ tal-għażla ppreferuta, il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni tagħha bl-għan li tevalwa l-effettività tagħha. L-inizjattiva tista' titqies bħala ta' suċċess jekk tkun attraenti u użata mill-komunitajiet lokali; ittejjeb is-sitwazzjoni tal-produtturi tal-IĠ kif ukoll tiġġenera effetti sekondarji lokali billi tikkontribwixxi għal żieda ġenerali fil-ġid, għal titjib fl-impjegi, b'mod partikolari għan-nisa, u fil-kundizzjonijiet demografiċi kif ukoll għall-iżvilupp ta' turiżmu sostenibbli.